MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1032/2004

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Neville u Michelle konjugi Spiteri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Mejju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm591.25) rapprezentanti mport ta' ghaxar (10) kambjali li gew iffirmati minnhom u li skadew fit-18 ta' Lulju 2003, fit-18 ta' Awissu 2003, fit-18 ta' Settembru 2003, fit-18 ta' Ottubru 2003, fit-18 ta' Novembru 2003,fit-18 ta' Dicembru, fit-18 a' Jannar 2004, fit 18 ta' Frar 2004, fit-18

ta' Marzu 2004 u fit-18 ta' April 2004 izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi interpellati, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-tratazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 11 ta' April 2004 u tal-parir (Lm15.00) kontra l-konvenuti u bl-imghax kontra l-istess konvenuti mid-data ta' kull skadenza, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew, regolarment notifikati naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm591.25) bl-imghax pagabbli mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Ittra ufficjali datata 11 ta' April 2004 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------